C/2025/3984

20.8.2025

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Lulju 2025

## dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji ta' Franza

(C/2025/3984)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

### Kunsiderazzjonijiet ġenerali

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024, jispeċifika l-objettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u tkabbir sostenibbli u inklużiv u r-reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, u li jiġu evitati defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-TFUE. Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Ir-Regolament jippromwovi wkoll is-sjieda nazzjonali tal-politika fiskali u jenfasizza l-fokus tiegħu fuq it-terminu medju, flimkien ma' infurzar aktar effettiv u aktar koerenti. Kull Stat Membru jrid jippreżenta lill-Kunsill u lill-Kummissjoni pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju li jkun fih l-impenji fiskali, ta' riforma u ta' investiment tiegħu, fuq perjodu ta' 4 jew 5 snin, skont it-tul tal-mandat leġiżlattiv nazzjonali. Il-perkors tan-nefqa netta [2] f'dawn il-pjanijiet irid ikun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament, inkluż ir-rekwiżiti li d-dejn tal-gvern estiż jitqiegħed jew jinżamm fuq perkors plawżibbli 'l isfel sat-tmiem tal-perjodu ta' aġġustament, jew li jibqa' f'livelli prudenti taħt is-60 % tal-prodott domestiku gross (PDG), u li d-defiċit tal-gvern estiż jinġieb u/jew jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, fuq it-terminu medju. Meta Stat Membru jimpenja ruħu għal sett rilevanti ta' riformi u investimenti f'konformità mal-kriterji stipulati fir-Regolament, il-perjodu ta' aġġustament jista' jiġi estiż b'mhux aktar minn tliet snin.

[1] ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj.

[2] Nefqa netta kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (2) tar-Regolament (UE) 2024/1263: "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern, netta min (i) in-nefqa fuq l-imgħax; (ii) mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali; (iii) min-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni; (iv) min-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni; (v) mill-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad; u (vi) minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li stabbilixxa l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (l-"RRF"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. L-RRF tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jagħtu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, l-RRF trawwem irkupru ekonomiku u soċjali filwaqt li tmexxi riformi u investimenti sostenibbli, b'mod partikolari billi tippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u billi tagħmel l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

(3) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) (ir-"Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jelimina gradwalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili Russi. Dan jgħin biex tinkiseb is-sigurtà tal-enerġija u jiddiversifika l-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija. Franza żiedet kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex tiffinanzja riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU.

(4) Fit-28 ta' April 2021, Franza ppreżentat il-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stipulati fl-Anness V. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu li tapprova l-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza ([5]), li ġiet emendata fil-qafas tal-Artikolu 18(2) fl-14 ta' Lulju 2023 biex tiġi aġġornata l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, kif ukoll biex jiġi inkluż il-kapitolu REPowerEU ([6]). Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5), li tiddikjara li Franza tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. L-ilħuq sodisfaċenti jirrikjedi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti għall-istess riforma jew investiment ma tkunx treġġgħet lura.

(5) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju ta' Franza ([7]). Il-pjan ġie ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 11 u mal-Artikolu 36(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2024/1263, ikopri l-perjodu mill-2025 sal-2029 u jippreżenta firxa ta' aġġustament fiskali fuq seba' snin.

(6) Fis-26 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2025 għal Franza. Fl-istess ġurnata, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2025, li fih hija ma identifikatx lil Franza bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kienet meħtieġa analiżi fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ([8]) fit-13 ta' Mejju 2025 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fl-10 ta' Marzu 2025.

(7) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Hija tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli: (i) l-innovazzjoni; (ii) id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività; u (iii) is-sigurtà. Biex tnaqqas id-diskrepanza fl-innovazzjoni, l-UE għandha l-għan li trawwem l-innovazzjoni industrijali, tappoġġa t-tkabbir tal-istart-ups permezz ta' inizjattivi bħall-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up, u tippromwovi l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati bħall-intelliġenza artifiċjali u l-computing

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/435/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza (ST 10162/21; ST 10162/21 ADD 1).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2023 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza (ST 11150/23; ST 11150/23).

([7]) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Franza (ĠU C, C/2025/659, 10.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/659/oj).

([8]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2025 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C, C/2025/2782, 22.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2782/oj).

kwantistiku. Biex tintlaħaq il-mira ta' ekonomija aktar ekoloġika, il-Kummissjoni ħejjiet Pjan ta' Azzjoni komprensiv dwar l-Enerġija Affordabbli u Patt għal Industrija Nadifa, li jiżguraw li l-bidla lejn enerġija nadifa tibqa' kosteffettiva, favur il-kompetittività, b'mod partikolari għas-setturi intensivi fl-enerġija, u tkun fattur ewlieni tat-tkabbir. Biex tnaqqas dipendenzi eċċessivi u żżid is-sigurtà, l-Unjoni hija impenjata li ssaħħaħ is-shubijiet kummerċjali globali, tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista u tassigura l-aċċess għall-materja prima kritika u sorsi ta' enerġija nadifa. Dawn il-prijoritajiet huma sostnuti minn faċilitaturi orizzontali, jiġifieri s-simplifikazzjoni regolatorja, l-approfondiment tas-suq uniku, il-finanzjament tal-kompetittività u Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, il-promozzjoni tal-ħiliet u tax-xogħlijiet ta' kwalità, u koordinazzjoni aħjar tal-politiki tal-UE. Il-Boxxla għall-Kompetittività hija allinjata mas-Semestru Ewropew, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-objettivi strateġiċi tal-Kummissjoni, u li fil-governanza ekonomika jinħoloq approċċ unifikat li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

(8) Fl-2025, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jiżviluppa biswit l-implimentazzjoni tal-RRF. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika fil-qafas tas-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jgħinu jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jibqgħu ugwalment rilevanti għall-valutazzjoni ta' pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza emendati f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.

(9) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 ikopru l-isfidi ewlenin tal-politika ekonomika li mhumiex indirizzati biżżejjed mill-miżuri inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li jqisu l-isfidi rilevanti identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019–2024.

(10) Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2025 għal Franza. F'dan ġie vvalutat il-progress ta' Franza fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Franza. Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċa Franza. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-progress li għamlet Franza fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

**Valutazzjoni tar-Rapport ta' Progress Annwali**

(11) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir li ġejjin tan-nefqa netta għal Franza: 0,8 % fl-2025, 1,2 % fl-2026, 1,2 % fl-2027, 1,2 % fl-2028 u 1,1 % fl-2029, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattivi massimi kkalkulati b'referenza għall-2023 ta' 4,6 % fl-2025, 5,8 % fl-2026, 7,1 % fl-2027, 8,4 % fl-2028 u 9,5 % fl-2029. Fl-2025-2029, dawn ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta jikkoinċidu mal-perkors korrettiv f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, kif irrakkomandat mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025 bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv ([9]). Fit-30 ta' April 2025 Franza ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali tagħha ([10]), dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv, l-implimentazzjoni tas-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali ta' Franza dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241.

(12) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni rrakkomandat l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod koordinat biex tappoġġa l-isforzi tal-UE biex tikseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025.

(13) Fuq il-bażi ta' data vvalidata mill-Eurostat ([11]), id-defiċit tal-gvern estiż ta' Franza żdied minn 5,4 % tal-PDG fl-2023 għal 5,8 % fl-2024, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż żdied minn 109,8 % tal-PDG fi tmiem l-2023 għal 113,0 % fi tmiem l-2024. Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal rata ta' tkabbir tan-nefqa netta

([9]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fi Franza, ST 5033/1/25.
([10]) Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2025 huma disponibbli hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.
([11]) Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22.4.2025.

ta' 3,1 % fl-2024. Fir-Rapport ta' Progress Annwali tal-2025, Franza tistma li t-tkabbir fin-nefqa netta fl-2024 huwa ta' 3,3 %. Abbażi tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali ([12]), li tinkludi kemm in-nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif ukoll dik iffinanzjata mill-UE, kienet ġeneralment newtrali fl-2024.

(14) Skont ir-Rapport ta' Progress Annwali, ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet bażitarji ta' Franza jistenna tkabbir tal-PDG reali ta' 0,7 % fl-2025 u 1,2 % fl-2026 ([13]), filwaqt li l-inflazzjoni tas-CPI hija pprojettata li tkun 1,4 % fl-2025. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jikber b'0,6 % fl-2025 u 1,3 % fl-2026, u li l-inflazzjoni tal-HICP tkun 0,9 % fl-2025 u 1,2 % fl-2026.

(15) Fir-Rapport ta' Progress Annwali, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 5,4 % tal-PDG fl-2025, filwaqt li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwa mistenni li jiżdied għal 116,2 % sa tmiem l-2025. Dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal tkabbir fin-nefqa netta ta' 0,9 % fl-2025. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern estiż ta' 5,6 % tal-PDG fl-2025. It-tnaqqis tad-defiċit fl-2025 jirrifletti prinċipalment l-impatt tal-miżuri li jżidu d-dħul stmati li jammontaw għal madwar 0,5 % tal-PDG, flimkien ma' miżuri li jnaqqsu n-nefqa, l-aktar fuq il-konsum pubbliku u t-trasferimenti soċjali, b'valur ta' kważi 0,3 % tal-PDG. Dawn mhux biss jikkumpensaw in-nefqa ogħla pprojettata fuq il-benefiċċji tal-qgħad u ż-żieda fil-pagamenti tal-imgħax fuq id-dejn tal-gvern. Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, dawn l-iżvilupp jikkorrispondu għal tkabbir tan-nefqa netta ta' 0,9 % fl-2025. Abbażi tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali, li tinkludi kemm infiq fil-livell nazzjonali kif ukoll infiq iffinanzjat mill-UE, hija pprojettata li tkun restrittiva, b'0,9 % tal-PDG, fl-2025. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG mistenni li jiżdied għal 116,0 % fi tmiem l-2025. Iż-żieda tal-proporzjon tad-dejn għall-PDG fl-2025 tirrifletti prinċipalment id-defiċit primarju għoli pprojettat.

(16) In-nefqa tal-gvern estiż li tammonta għal 0,1 % tal-PDG hija mistennija li tiġi ffinanzjata minn appoġġ mhux ripagabbli ("għotjiet") mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2025, meta mqabbla ma' 0,1 % tal-PDG fl-2024, skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni. In-nefqa ffinanzjata minn appoġġ mhux ripagabbli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tippermetti investiment ta' kwalità għolja u riformi li jtejbu l-produttività mingħajr impatt dirett fuq il-bilanċ tal-gvern estiż u d-dejn ta' Franza.

(17) In-nefqa fid-difiża tal-gvern estiż fi Franza ammontat għal 1,7 % tal-PDG fl-2021, 1,8 % tal-PDG fl-2022 u 1,8 % tal-PDG fl-2023 ([14]). Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, in-nefqa fid-difiża hija pprojettata għal 1,9 % tal-PDG kemm fl-2024 kif ukoll fl-2025. Dan jikkorrispondi għal żieda ta' 0,2 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbel mal-2021.

(18) Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fi Franza hija pprojettata li tikber b'0,9 % kemm fl-2025 u 4,1 % b'mod kumulattiv fl-2024 u fl-2025. Abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa netta ta' Franza fl-2025 huwa pprojettat li jkun ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata stabbilita mill-perkors korrettiv, u jikkorrispondi għal devjazzjoni ([15]) ta' 0,1 % tal-PDG f'termini annwali. Id-devjazzjoni pprojettata ma taqbiżx il-limitu ta' 0,3 % tal-PDG għad-devjazzjoni annwali, li jekk jinqabeż ikun hemm preżunzjoni qawwija ta' ebda azzjoni effettiva. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata kumulattiva ta' tkabbir tan-nefqa netta hija pprojettata li tkun taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. Għalhekk, il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għal Franza hi sospiża. Fl-istess waqt, Franza mistiedna tkun lesta tieħu aktar miżuri biex tikkonforma mal-perkors korrettiv. Meta ssir disponibbli data tal-eżitu, titwettaq valutazzjoni aktar kompluta.

(19) Fir-Rapport ta' Progress Annwali, id-defiċit tal-gvern estiż huwa pprojettat li jonqos għal 4,6 % tal-PDG fl-2026, filwaqt li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwa pprojettat li jiżdied għal 117,6 % sa tmiem l-2026. Wara l-2026, fir-Rapport ta' Progress Annwali, id-defiċit tal-gvern estiż huwa pprojettat li jonqos gradwalment għal 4,1 % tal-PDG fl-2027, 3,4 % tal-PDG fl-2028, u 2,8 % tal-PDG fl-2029. Min-naħa tiegħu, wara l-2026, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwa pprojettat li jiżdied għal 118,1 % tal-PDG fl-2027, u mbagħad jonqos gradwalment għal 117,8 % fl-2028, u 117,2 % fl-2029. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data

([12]) Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni bażitarja sottostanti tal-gvern estiż. Hija għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-bażit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq terminu medju u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta minn miżuri tad-dħul diskrezzjonali u bl-inklużjoni tan-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni.

([13]) Fis-snin kollha, it-tkabbir tal-PDG irrapportat fir-Rapport ta' Progress Annwali huwa aġġustat skont l-istaġun u l-kalendarju.

([14]) Eurostat, in-nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG). Minħabba differenzi metodoloġiċi bejn id-definizzjonijiet tal-COFOG u tan-NATO, in-nefqa bbażata fuq id-definizzjoni tal-COFOG tista' tvarja min-nefqa bbażata fuq id-definizzjoni tan-NATO.

([15]) Mill-2026 dawn iċ-ċifri ser jidħru fil-kont ta' kontroll stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2024/1263.

limitu tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbieġa 2025 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit tal-gvern ta' 5,7 % tal-PDG fl-2026. Iż-żieda tad-defiċit fl-2026 tirrifletti prinċipalment is-suppożizzjoni li l-politika ma tinbidilx u żieda fil-pagamenti tal-imgħax fuq id-dejn tal-gvern. Dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal tkabbir fin-nefqa netta ta' 2,5 % fl-2026. Abbażi tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali, li tinkludi kemm in-nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif ukoll dik iffinanzjata mill-UE, hi pprojettata li tkun ġeneralment newtrali fl-2026. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG hu pprojettat mill-Kummissjoni li jiżdied għal 118,4 % fi tmiem l-2026. Iż-żieda tal-proporzjon tad-dejn għall-PDG fl-2026 tirrifletti prinċipalment id-defiċit primarju għoli pprojettat.

(20) Ir-rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju ta' Franza tispeċifika s-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, flimkien ma' skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Dawn jinkludu miżuri eżistenti u intensifikati inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, bħat-tisħiħ ta' rieżami tal-infiq, riformi għall-aċċellerazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, riforma tal-assigurazzjoni tal-qgħad u żieda fl-infiq fuq ir-riċerka pubblika, kif ukoll riformi u investimenti addizzjonali bħar-razzjonalizzazzjoni tat-taxxa u nefqiet soċjali, ir-riforma tat-tnaqqis ġenerali fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, riformi biex jiġi ssimplifikat l-ambjent tan-negozju u biex tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. Filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta minn Franza fir-Rapport ta' Progress Annwali tagħha, il-Kummissjoni ssib li r-riformi u l-investimenti li jirfdu estensjoni, li kellhom jitlestew sat-30 ta' April 2025, ġew implimentati bl-eċċezzjoni tar-riforma tat-tnaqqis ġenerali fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali meta mqabbla mal-paga minima (SMIC), li wasslu għal iffrankar kemxejn aktar baxx minn dak previst.

(21) In-nefqiet tat-taxxa fi Franza huma numerużi u joħolqu piż baġitarju kbir. L-467 nefqa tat-taxxa fl-abbozz tal-baġit għall-2024 huma stmati li jammontaw għal EUR 83,3 biljun (2,9 % tal-PDG), li jirrappreżentaw madwar kwart tad-dħul totali tal-istat. Skont il-Qorti tal-Awdituri Franċiża, il-kost baġitarju finali tan-nefqiet tat-taxxa fl-2024 jimplika tnaqqis ta' EUR 4,55 biljun meta mqabbel mal-kost stmat inizjali tagħhom, li *de facto* jestendi x-xejra 'l fuq tagħhom f'termini reali mill-2013 minkejja ħafna tentattivi biex jiġu kkontrollati l-kost u l-għadd tagħhom. Barra minn hekk, il-kost imsemmi qabel ma jinkludix nefqiet tat-taxxa relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud devoluta lill-gvernijiet lokali u lill-amministrazzjonijiet tas-sigurtà soċjali. L-akbar nefqiet tat-taxxa skont l-impatt baġitarju tagħhom fil-liġi tal-baġit tal-2024 huma l-kreditu tat-taxxa għar-riċerka (*crédit d'impôt en faveur de la recherche*, EUR 7,9 biljun), il-kreditu tat-taxxa għall-impjegati domestiċi (*crédit d'impôt pour l'emploi d'un salarié à domicile*, EUR 6,7 biljun), l-allowance ta' 10 % fuq il-pensjonijiet u l-arranġamenti tal-irtirar (*abattement de 10 % sur les pension et retraites*, EUR 4,8 biljun), l-eżenzjoni tas-somom imħallsa għall-parteċipazzjoni tas-salarji fil-profitti tal-impriża, il-kondiviżjoni tal-qligħ kapitali, il-pjanijiet ta' tfaddil tal-impjegati u l-pjanijiet ta' tfaddil għall-irtirar (EUR 2,8 biljun) u r-rata ta' 10 % għax-xogħlijiet ta' titjib, konverżjoni, sistemazzjoni u manutenzjoni (*taux de 10 % pour les travaux d'amélioration, de transformation, d'aménagement et d'entretien*, EUR 2,2 biljun). B'kuntrast ma' dan, hemm għadd kbir ta' nefqiet tat-taxxa li jinvolvu benefiċċji individwali limitati filwaqt li joħolqu piż baġitarju ġenerali mdaqqas, filwaqt li f'każijiet oħra l-għadd ta' benefiċjarji mhuwiex magħruf, u dan ifixkel il-kontroll sħiħ tagħhom. In-nefqiet tat-taxxa jnaqqsu l-effiċjenza u t-trasparenza tas-sistema fiskali ta' Franza, jintroduċu livell sinifikanti ta' kumplessità u, b'mod aktar mifrux, jikkaġunaw telf ta' effiċjenza minħabba d-distorsjoni f'deċiżjonijiet individwali. Il-liġi dwar il-programmazzjoni tal-finanzi pubbliċi pluriennali għall-2023–2027, adottata f'Novembru 2023, introduċiet dispożizzjonijiet speċifiċi biex jiġi limitat l-impatt baġitarju tan-nefqiet tat-taxxa, jiġi kontrollat l-għadd tagħhom u jsiru aktar effiċjenti, filwaqt li għandhom ukoll l-għan li jtejbu t-trasparenza tal-komunikazzjoni mal-parlament fil-proċess baġitarju annwali. Madankollu, it-tentattivi fil-passat kellhom suċċess limitat fit-tnaqqis tal-kumplessità tat-taxxa u l-kost baġitarju assoċjat man-nefqiet tat-taxxa.

(22) B'57,1 % tal-PDG fl-2024, in-nefqa pubblika ta' Franza baqgħet fost l-ogħla fl-UE, u 7,5 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE. It-tbassir tar-rebbieġa 2025 tal-Kummissjoni jipprojetta diskrepanza simili fl-2025 u l-2026. B'hekk, il-konsolidazzjoni fiskali fi Franza titlob azzjoni deċiżiva fuq l-infiq pubbliku. Il-mekkaniżmu ta' rieżami tal-infiq adottat bil-liġi baġitarja tal-2023, bħala parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, għandu l-għan li jwettaq evalwazzjonijiet regolari biex jidentifika l-aktar nefqiet effiċjenti li jiffavorixxu t-tkabbir, l-inklużjoni soċjali u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, filwaqt li jappoġġa l-konsolidazzjoni fiskali billi jikseb iffrankar fin-nefqa fejn jiġu identifikati ineffiċjenzi. Bħala parti mill-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tagħha u biex tirfed estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali, Franza impenjat ruħha li timplimenta għadd ta' miżuri li jindirizzaw din l-isfida. Skont ir-Rapport ta' Progress Annwali Franċiż, ir-rieżamijiet tan-nefqa mwettqa fl-2024 identifikaw u ġġeneraw iffrankar stmat għal EUR 4,3 biljun fil-liġi tal-baġit tal-2025, li jimplika progress sostanzjali lejn l-ilħuq tal-objettiv fil-pjan fiskali-strutturali Franċiż fuq terminu medju ta' ffrankar permanenti kumulattiv ta' EUR 8 biljun matul l-2025–2027. 'Il quddiem, il-konsolidazzjoni fiskali tibbenefika minn integrazzjoni regolari ulterjuri ta' miri ta' ffrankar kwantifikat tan-nefqiet mir-rieżamijiet ta' nfiq fi ppjanar baġitarju annwali u pluriennali futur.

**Sfidi ewlenin tal-politika**

(23) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u mal-Anness V, il-kriterju 2.2 ta' dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin u li għandhom jiġu implimentati sal-2026. Dawn mistennija jgħinu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti. F'dan il-perjodu ta' żmien strett, il-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-kapitolu REPowerEU, hija essenzjali biex tingħata spinta lill-kompetittività fit-tul ta' Franza permezz tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni NextGenerationEU - Il-mixja lejn l-2026, adottata fl-4 ta' Ġunju 2025, tikkjarifika l-iskeda taż-żmien applikabbli għal tmiem il-Faċilità u tagħti gwida lill-Istati Membri biex jimmassimizzaw l-implimentazzjoni sal-31 ta' Awwissu 2026, inkluż dwar kif jissimplifikaw aktar il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, tiddeskrivi l-għażliet ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati meta jirreveduhom, u tisħaq fuq l-importanza ta' ppjanar konġunt bil-galbu qabel ma jressqu l-aħħar talbiet għall-pagament fl-2026. L-involviment sistematiku tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

(24) L-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), aċċellerat fi Franza. Huwa importanti li jkomplu għaddejjin l-isforzi biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida ta' dawn il-programmi, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tagħhom fil-prattika. Franza diġà qed tieħu azzjoni fil-qafas tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir filwaqt li ttejjeb il-koeżjoni soċjali. Fl-istess ħin, Franza għadha qed tiffaċċa sfidi, inkluża l-ħtieġa li jiġu sfruttati aħjar l-opportunitajiet industrijali offruti mit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, l-isfidi relatati mal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari f'viċinati żvantaġġati f'żoni urbani u l-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess għall-ilma nadif u s-sanità, b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi, speċjalment f'Mayotte. Barra minn hekk, biex tissaħħaħ ir-reżiljenza soċjali, jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-investiment fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, b'enfasi fuq il-gruppi l-aktar żvantaġġati, u t-tisħiħ tal-miżuri kontra l-faqar u l-inklużjoni soċjali, b'attenzjoni partikolari fuq it-tfal. F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2021/1060, Franza hija meħtieġa – bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni – tirrieżamina kull programm filwaqt li tikkunsidra fost l-oħrajn l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2024. Il-proposti tal-Kummissjoni adottati fl-1 ta' April 2025 ([16]) jestendu l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' valutazzjoni – għal kull programm – tal-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu lil hinn mill-31 ta' Marzu 2025. Jipprovdu wkoll flessibbiltajiet biex jgħinu l-implimentazzjoni tal-programmi ssir aktar malajr u inċentivi biex l-Istati Membri jallokaw ir-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni għal ħames oqsma ta' prijorità strateġika tal-Unjoni, jiġifieri l-kompetittività f'teknoloġiji strateġiċi, id-difiża, l-akkomodazzjoni, ir-reżiljenza tal-ilma u t-tranżizzjoni tal-enerġija, u għal investimenti fil-ħiliet f'setturi ta' prijorità filwaqt li l-attenzjoni tinżamm fuq il-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli fil-programmi tal-FSE+.

(25) Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) tipprovdi l-opportunità ta' investiment fi prijorità strateġika ewlenija tal-UE billi ssaħħaħ il-kompetittività tal-UE. STEP titwassal permezz ta' 11-il fond tal-UE eżistenti. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-programm InvestEU, li jappoġġa investimenti f'oqsma ta' prijorità. Franza tista' tuża dawn l-inizjattivi bl-aħjar mod biex tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi, inkluż it-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi.

(26) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u fondi oħra tal-UE, Franza għandha tindirizza b'mod effettiv l-isfidi li jonqos relatati mal-piż regolatorju u amministrattiv, l-intensità tar-R&Ż tan-negozju, l-effettività tal-kollaborazzjoni bejn in-negozji u d-dinja akkademika, id-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u tal-bini, l-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u investimenti relatati fil-grilja u l-ħżin tal-elettriku, in-nuqqas ta' ħiliet, is-sistema edukattiva, il-professjoni tat-tagħlim u l-faqar fost it-tfal.

(27) Kif stabbilit fil-Boxxla għall-Kompetittività, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, nazzjonali u lokali jridu jagħmlu sforz kbir biex jipproduċu regoli aktar sempliċi u biex jaċċelleraw il-ħeffa tal-proċeduri amministrattivi. Il-Kummissjoni stabbiliet għanijiet ambizzjużi għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv: b'mill-inqas 25 % u b'mill-inqas 35 % għall-SMEs; u ħolqot għodod ġodda biex jintlaħqu dawn il-miri, inkluż test tal-istress sistematiku tal-istokk tal-leġiżlazzjoni tal-UE u djalogu msaħħaħ mal-partijiet ikkonċernati. Biex tirrealizza din l-ambizzjoni, Franza trid tieħu aktar azzjoni. 84 % tan-negozji jqisu l-kumplessità tal-proċeduri amministrattivi bħala problema għall-kumpanija

([16]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu - COM(2025) 123 final.

tagħhom meta jagħmlu negozju fi Franza ([17]). Franza adottat diversi riformi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv ([18]) u jaċċelleraw l-azzjoni pubblika ([19]). Dawn l-isforzi potenzjalment ikkontribwew għal tnaqqis fil-perċezzjoni li r-regolamenti tan-negozju joħolqu ostaklu fit-tul għall-investiment kif indikat mit-tnaqqis fid-ditti li jqisu r-regolamenti bħala ostaklu kbir (minn 25 % fl-2019 u 22 % fl-2020 għal 19,7 % fl-2024). Barra minn hekk, Franza tejbet il-pożizzjoni tagħha meta mqabbla mal-medja tal-UE mill-2019 ([20]). Bħala parti mill-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tagħha u biex tirfed estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali, Franza impenjat ruħha li timplimenta għadd ta' riformi li jindirizzaw din l-isfida. Madankollu, huma meħtieġa miżuri addizzjonali biex tiġi indirizzata bis-sħiħ l-isfida tal-piż regolatorju u amministrattiv. Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ([21]) u l-indikaturi tal-2023 tar-Regolament dwar is-Suq tal-Prodotti tal-OECD, għas-servizzi bl-imnut u tan-negozju, li ħafna minnhom huma professjonijiet regolati, ir-restrizzjonijiet regolatorji għadhom ogħla fi Franza meta mqabbla ma' Stati Membri oħra. It-tfassil mill-ġdid tar-rekwiżiti għall-aċċess għall-attivitajiet ta' servizzi u l-eżerċizzju tagħhom jistimula l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-mobbiltà professjonali, u jkollu impatt ekonomiku ġenerali pożittiv ([22]). It-tnaqqis tar-restrizzjonijiet fuq il-bejgħ bl-imnut – bħar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjonijiet u r-restrizzjonijiet operazzjonali inklużi fuq il-bejgħ – jista' jgħin biex jittejbu l-operazzjonijiet tan-negozju u jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi permezz ta' prezzijiet kompetittivi u għażla akbar ta' prodotti.

Is-sistema ġenerali ta' liċenzjar u ta' permessi, filwaqt li hija ta' piż inqas mill-medja tal-UE, tista' titjieb aktar bl-adozzjoni tal-aħjar prattiki, inklużi rieżamijiet regolari tal-permessi u tal-liċenzji biex tiġi vvalutata l-ħtieġa tagħhom.

(28) Filwaqt li Franza għandha l-ogħla sehem ta' appoġġ pubbliku għar-R&Ż ([23]) tan-negozji fl-UE (aktar mid-doppju tal-medja tal-UE kemm għall-appoġġ pubbliku totali kif ukoll għall-komponent tagħha tal-inċentivi tat-taxxa), l-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp tan-negozji ta' Franza qed tistaġna u baqgħet kemxejn taħt il-medja tal-UE fl-2023. B'mod partikolari, kreditu tat-taxxa fuq ir-riċerka li jiswa ħafna (EUR 7,9 biljun fl-2024) huwa fis-seħħ, għalkemm l-evalwazzjonijiet kixfu dgħufijiet kbar ([24]). B'mod speċjali, l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Evalwazzjoni ta' Politiki dwar l-Innovazzjoni fl-2021 indikat li l-iskema ma kellha l-ebda effett sinifikanti fuq ditti kbar, minkejja li nofs l-għajnuna ġiet trasferita lilhom. Kif irrakkomandat mill-Ispettorat Ġenerali tal-Finanzi (*Inspection Générale des Finances*) f'Marzu 2024 ([25]), fil-liġi tal-baġit tal-2025, l-iskema ta' kreditu tat-taxxa għar-riċerka ġiet iffukata mill-ġdid fuq in-nefqa tar-R&Ż, jiġifieri billi ġiet eskluża n-nefqa marbuta mal-sorveljanza tat-teknoloġija u l-proprjetà intellettwali mill-bażi tan-nefqa eliġibbli.

Barra minn hekk, l-irduppjar tal-bażi għat-taxxa għar-reklutaġġ ta' riċerkaturi postdottorali taħt l-iskema ma tkompliex. Filwaqt li dawn il-miżuri mistennijin iwasslu għal xi ffrankar ([26]) (stmat għal 5 % tan-nefqa annwali tat-taxxa ta' dan il-kreditu ta' taxxa), mhumiex mistennija li jżidu b'mod sinifikanti r-riżultati tar-R&Ż tan-negozji, peress li jbiddlu biss marġinalment il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema. L-allokazzjoni ta' sehem akbar tal-għajnuna lill-SMEs innovattivi, lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u lill-istart-ups u l-iffaċilitar tal-adozzjoni tagħhom tal-iskema ([27]) jistgħu jagħtu spinta lill-isforzi tar-R&Ż, peress li dawk id-ditti huma aktar limitati finanzjarjament.

([17]) "Business" attitudes towards corruption in the EU, Flash Report, Rapport tal-Ewrobarometru (April 2024).
([18]) Il-Liġi tat-22 ta' Mejju 2019 għat-tkabbir u għat-trasformazzjoni tan-negozji (Pacte).
([19]) Il-Liġi tas-7 ta' Diċembru 2020 għall-aċċellerazzjoni u għas-simplifikazzjoni tal-azzjoni pubblika (ASAP).
([20]) Il-Bank Ewropew tal-Investiment, Stħarriġ tal-Investiment tal-BEI għall-2024. Għall-UE, tiġi kkalkulata medja aritmetika.
([21]) Il-Kummissjoni Ewropea, Retail restrictiveness indicator (2022 update), 2024.
([22]) Il-valutazzjoni li jmiss mill-awtorità tal-kompetizzjoni Franċiża tar-riformi relatati mal-kundizzjonijiet tal-istabbiliment u t-tariffi tal-professjonijiet legali regolati hija mistennija fis-sajf tal-2025.
([23]) L-appoġġ pubbliku ta' Franza għar-riċerka u l-iżvilupp tan-negozji kien ta' 0,45 % tal-PDG fl-2021, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 0,2 %. Fl-2021, l-inċentivi tat-taxxa tar-R&Ż ammontaw għal dħul mitluf ta' 0,28 % tal-PDG fi Franza, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 0,1 %. L-intensità tar-R&Ż tan-negozji ta' Franza kienet ta' 1,44 % fl-2023 (fl-istess livell bħal fl-2012), taħt il-medja tal-UE (1,49 %).
([24]) OECD (2020), "How effective are R&D tax incentives? New evidence from the OECD microBeRD project", Nota ta' Politika tad-Direttorat għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, OECD, Pariġi.
Conseil d'analysis économique (2022), Focus N°090-2022 "Renforcer l'impact du Crédit d'impôt recherche" Philippe Aghion, Nicolas Chanut et Xavier Jaravel.
([25]) L-Ispettorat Ġenerali tal-Finanzi. Expenditure review: support to businesses, Marzu 2024, disponibbli fuq: https://www.igf.finances.gouv.fr/files/live/sites/igf/files/contributed/Rapports%20de%20mission/2024/2023-M-105-03%20Rapport%20Aides%20aux%20entreprises.pdf.
([26]) L-iffrankar huwa stmat għal 5 % (Rapport Ġenerali Nru 144 (2024-2025), Volum II, Ktejjeb 1, iddepożitat f'Novembru 2024, disponibbli fuq: Projet de loi de finances pour 2025: Les conditions générales de l'équilibre financier (article liminaire et première partie de la loi de finances) - Sénat).
([27]) Lignau (DGE, 2024) irrapporta li fost l-istart-ups maħluqa mill-2016 'l hawn, 44 % biss ibbenefikaw mill-iskema ta' kreditu ta' taxxa għar-riċerka fl-2017-2021, għalkemm użawha aktar minn skemi oħra bħall-istatus ta' kumpanija innovattiva ġdida jew il-kreditu ta' taxxa għall-innovazzjoni.

Miżuri oħrajn eżistenti li jqawwu l-innovazzjoni jinkludu, b'mod partikolari, il-kreditu tat-taxxa fuq l-innovazzjoni u l-istatus ta' kumpaniji innovattivi ġodda (*Jeunes Entreprises Innovantes*), li jipprovdi benefiċċji soċjali u fiskali lill-istart-ups li jissodisfaw kriterji speċifiċi dwar l-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp u t-tkabbir. Dawn huma mmirati aktar għall-SMEs, iżda għandhom baġit ħafna iżgħar (madwar EUR 332 miljun għall-kreditu tat-taxxa għall-innovazzjoni u EUR 314 miljun għan-nefqa fiskali u soċjali li jibbenefikaw minnha l-kumpaniji innovattivi ġodda ([28]) fl-2024). Il-benefiċċji li jirriżultaw mill-aċċess għal dawk il-miżuri aktar immirati tnaqqsu b'mod aktar sinifikanti meta mqabbla mad-daqs tagħhom milli l-kreditu tat-taxxa għar-riċerka, skont l-emendi introdotti mil-liġi tal-baġit tal-2025 u l-Liġi dwar il-Finanzjament tas-Sigurtà Soċjali għall-2025.

(29) Rabtiet aktar mill-qrib bejn ix-xjenza u n-negozji, b'mod partikolari permezz ta' skemi ta' trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija, huma kruċjali għall-ġenerazzjoni tal-innovazzjoni. Madankollu, kif enfasizzat fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-2019 dwar il-programm "Investimenti għall-futur", il-kumplessità tat-trasferiment tat-teknoloġija u l-ekosistema tal-valorizzazzjoni tar-riċerka ta' Franza tirrappreżenta ostaklu sinifikanti. Franza għandha punteġġ ferm taħt il-medja tal-UE għar-riċerka u l-iżvilupp pubbliku ffinanzjat min-negozji, sitwazzjoni li ma tjibitx mill-2019 'l hawn. Is-segmentazzjoni b'saħħitha tal-ekosistema u l-prestazzjoni subottimali ta' atturi ewlenin bħall-kumpaniji ta' aċċellerazzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija (*Sociétés d'accélération du transfert de technologies*, SATT), l-istituti għar-riċerka teknoloġika (*Instituts de Recherche Technologique*), u l-istituti tal-isptarijiet universitarji (*Instituts Hopitalo-Universitaires*) huma oqsma ta' tħassib ([29]). Madankollu, mill-2019 'l hawn ma twettqet l-ebda riforma kbira tal-mudell SATT. Reċentement, fl-2023, ġiet introdotta l-inizjattiva taċ-ċentri ta' innovazzjoni universitarji (*pôles universitaires d'innovation*) biex issaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali, filwaqt li tibni fuq organizzazzjonijiet u skemi eżistenti. Sabiex jitjiebu l-eżiti tal-innovazzjoni hemm bżonn li tiżdied l-effettività tal-ekosistema tat-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija. Dan jista' jinkiseb billi jiġu mmirati riżultati konkreti, bħal żieda mdaqqsa fil-preżentazzjonijiet tal-privattivi, il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, u l-ħolqien tan-negozji. Is-simplifikazzjoni tal-ekosistema, pereżempju billi jiġu ssimplifikati r-rwoli tal-entitajiet eżistenti jew tingħata spinta għall-kollaborazzjoni bejniethom, tista' wkoll twassal għal eżiti aħjar.

(30) Filwaqt li l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali mistennija tippermetti lill-kumpaniji jtejbu l-prodotti u s-servizzi tagħhom, u jagħtu spinta lill-kompetittività, l-SMEs Franċiżi għadhom lura f'termini ta' diġitalizzazzjoni, bi 68,5 % biss minnhom jiksbu livell bażiku ta' intensità diġitali fl-2024, taħt il-medja tal-UE ta' 72,9 %. Dan id-distakk huwa sinifikanti wkoll fid-dawl tal-mira tad-Deċennju Diġitali tal-UE li sal-2030 dan il-livell jilħaq id-90 %. Pereżempju, is-sehem tal-SMEs Franċiżi li jagħmlu l-bejgħ elettroniku huwa aktar baxx mill-medja tal-UE (17,6 % u 23,1 %, rispettivament), li jikkuntrasta ma' sehem ferm ogħla ta' konsumaturi Franċiżi li jixtru oġġetti jew servizzi online, fil-gruppi tal-etajiet kollha, meta mqabbel mal-medja tal-UE. Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati, bħall-intelliġenza artifiċjali (IA) u s-servizzi tal-cloud fost in-negozji Franċiżi, b'mod partikolari l-SMEs, għadha lura meta mqabbla mal-medja fl-UE. Il-mira tal-UE li 75 % tal-kumpaniji jużaw is-servizzi tal-cloud, iwettqu analiżi tal-big data jew jużaw l-IA tidher li ma tistax tintlaħaq fid-dawl tar-rati ta' adozzjoni attwali. F'Settembru 2018, Franza stabbiliet il-pjan ta' trasformazzjoni diġitali ffukat fuq l-industrija li jkopri miżuri sal-2023 u li jammonta għal EUR 1,3 biljun, inkluż sussidju għall-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati ġodda minn SMEs industrijali u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja ffinanzjati taħt il-Faċilità tal-UE għall-Irkupru u r-Reżiljenza ([30]). Fl-2018, Franza adottat l-istrateġija nazzjonali tagħha għall-IA. B'mod parallel, France Num, l-inizjattiva pubblika ewlenija għat-trasformazzjoni diġitali tal-SMEs, inħolqot fl-2018 u minn dak iż-żmien 'l hawn kompliet tissaħħaħ. Din tipprovdi dijanjostika u taħriġ, u telenka network ta' sħab li lesti jappoġġaw lin-negozji fl-isforzi tagħhom ta' diġitalizzazzjoni.

Madankollu, ir-rwol tagħha bħala sempliċi intermedjarja – li tgħaqqad in-negozji mal-forniturі ta' soluzzjonijiet diġitali u taġixxi bħala ċentru ta' dokumentazzjoni – jillimita l-kapaċità tagħha li jkollha impatt dirett fuq id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' aktar minn 100 għajnuna finanzjarja territorjali differenti bi kriterji ta' eliġibbiltà differenti u l-għadd kbir ta' awtoritajiet rilevanti tikkomplika x-xenarju għall-SMEs li jfittxu appoġġ ([31]). Ikun xieraq it-titjib ulterjuri tal-effettività tal-appoġġ pubbliku għad-diġitalizzazzjoni. Ikun ta' benefiċċju li l-iskemi ta' appoġġ disponibbli jiġu ssimplifikati u li t-tip ta' appoġġ jiġi allinjat aħjar mal-ħtiġijiet

([28]) Abbozz ta' Liġi dwar il-Finanzi tal-2024: Rapporti Leġiżlattivi dwar ir-Riċerka u l-Edukazzjoni Għolja. Rapport Ġenerali Nru 128 (2023–2024), Volum III, Anness 24, iddepożitat fit-23 ta' Novembru 2023 disponibbli fuq: Projet de loi de finances pour 2024: Recherche et enseignement supérieur - Sénat.
Ara wkoll l-Istat tal-Edukazzjoni Għolja, tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni fi Franza 2024, nru 17, Ġunju 2024, suġġett nru 23, disponibbli fuq: Les jeunes entreprises innovantes - état de l'Enseignement supérieur, de la Recherche et de l'Innovation en France n°17.

([29]) Kumitat ta' Monitoraġġ għall-Investimenti għall-Futur. L-Evalwazzjoni tal-Ewwel Mewġa tal-Programm ta' Investiment Futur (PIA, 2009-2019), Novembru 2019, disponibbli fuq: *Le PIA, un outil à préserver, une ambition à refonder*.

([30]) Direction Générale des Entreprises (2024). La numérisation des entreprises industrielles en France: un soutien à la demande et à l'offre de solutions technologiques. Les Thémas de la DGE n°24. Novembru, paġna 8.

([31]) Is-Senat, sessjoni straordinarja 2018-2019, Rapport ta' informazzjoni li sar f'isem id-delegazzjoni tan-negozji dwar l-appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali tal-SMEs: Franza kif tista' tirkupra ż-żmien li tilfet?, mis-Sa Pascale Gruny (Senatur), disponibbli fuq: Projet de loi de finances pour 2021: Économie - Sénat.

tan-negozji, filwaqt li jiġu ppreferuti t-teknoloġiji li x'aktarx jagħtu spinta lit-tkabbir tal-produttività ([32]), bħall-IA. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' klassifikazzjoni tal-kwalità għall-forniturі ta' soluzzjonijiet diġitali elenkati fi ħdan in-network ta' France Num, possibbilment abbażi ta' feedback tal-utenti, tista' tgħin lill-SMEs jieħdu deċiżjonijiet infurmati.

(31) It-taħlita tal-elettriku ta' Franza għadha fil-biċċa l-kbira dekarbonizzata bis-saħħa tal-produzzjoni tal-enerġija nukleari tagħha. Minbarra l-perjodu tal-COVID-19 – li matulu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) naqsu b'mod artifiċjali – Franza kienet ilha tnaqqas b'mod kostanti l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha f'termini grossi b'aktar minn 3 % fis-sena mill-2019 'l hawn. Din ix-xejra 'l isfel ippermettiet lill-pajjiż jissodisfa t-tieni baġit tiegħu tal-karbonju (2019–2023), kif stabbilit fit-tieni strateġija nazzjonali għal livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li għandha l-għan li tikseb tnaqqis ta' 40 % sal-2030 (meta mqabbel mal-1990). Bejn l-2022 u l-2023, Franza saħansitra aċċellerat l-isforzi tagħha ta' dekarbonizzazzjoni, u kisbet tnaqqis ta' 5,8 % fl-emissjonijiet grossi. Madankollu, dan il-momentum naqas b'mod sinifikanti fl-2024: skont l-estimi tas-Citepa ([33]), l-emissjonijiet naqsu b'1,8 % u laħqu 366 $MtCO_2eq$, ħafna inqas mit-tnaqqis annwali meħtieġ biex tilħaq l-ambizzjoni klimatika tagħha. Biex tibqa' allinjata mal-baġit tal-karbonju li jmiss (2024–2028) skont it-tielet strateġija għal livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (SNBC-3), li tappoġġa l-mira ta' Franza tal-2030 li tnaqqas bin-nofs l-emissjonijiet grossi ta' gassijiet serra, Franza trid tnaqqas l-emissjonijiet tagħha b'5 % kull sena sal-2030.

Filwaqt li s-settur tal-enerġija u l-industrija qed iżommu t-trajettorja tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, is-setturi tat-trasport u tal-bini jeħtieġu sforzi addizzjonali biex jissodisfaw it-tielet baġit tal-karbonju fil-qafas tal-SNBC-3. It-trasport jibqa' s-sors ewlieni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ([34]) fi Franza u huwa l-uniku settur li l-emissjonijiet tiegħu żdiedu bejn l-1990 u l-2023. Skont l-aktar estimi reċenti tas-Citepa, fl-2024 l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur tat-trasport naqsu b'inqas minn 1 % meta mqabbla mal-2023. L-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari, li tirrappreżenta sehem sinifikanti ħafna tal-emissjonijiet totali tat-trasport ([35]), hija essenzjali biex jintlaħqu l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija. Huma meħtieġa inċentivi u skemi ta' appoġġ adegwati, flimkien mal-varar tal-infrastruttura meħtieġa, sabiex is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero jkompli jiżdied bil-pass, b'enfasi speċifika fuq l-utenti tat-trasport vulnerabbli ([36]) u fuq il-vetturi tqal. It-trasport tal-merkanzija fi Franza għadu fil-biċċa l-kbira bbażat fuq it-toroq (85 %), filwaqt li l-vjaġġi bil-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni jammontaw biss għal 10 % u 2 % rispettivament, taħt il-medja tal-UE ([37]). Biex tappoġġa bidla modali mit-toroq għall-ferroviji u għall-passaġġi fuq l-ilma interni, Franza jeħtieġ li tlesti n-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) biex iżżid il-kapaċità u d-densità tan-network. L-aċċellerazzjoni tal-varar tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju, li bħalissa hija operazzjonali fuq 10 % biss tan-network ewlieni tat-TEN-T tagħha ([38]), ittejjeb ukoll l-interoperabbiltà, l-effiċjenza u s-sikurezza tas-sistema ferrovjarja tal-UE. Il-passaġġi fuq l-ilma interni joffru wkoll potenzjal għoli ta' dekarbonizzazzjoni u jistgħu jiġu sfruttati aktar b'titjib tal-interoperabbiltà tas-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar, id-disponibbiltà tad-data, u d-densità tat-terminals.

(32) Il-konsum finali tal-enerġija tas-settur residenzjali ilu jistaġna mill-2015, u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-bini residenzjali u terzjarju naqsu b'1,1 % biss fl-2024 meta mqabbla mal-2023, skont l-aktar estimi reċenti (minn Citepa). Franza qed tesperjenza dewmien fir-ritmu tar-rinnovazzjoni enerġetika tal-binjiet u s-sostituzzjoni tal-bojlers taż-żejt u tal-gass b'soluzzjonijiet aktar nodfa bħall-pompi tas-sħana, meta mqabbel mal-pjanijiet nazzjonali ([39]). Franza jeħtieġ li żżid l-isforzi tagħha biex tnaqqas id-distakk biex tikseb kontribut sinifikanti għall-mira tagħha ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija tal-bini sal-2030, f'konformità mal-SNBC-3. Sabiex tiġi appoġġata d-domanda għar-rinnovazzjoni enerġetika, ikun ta' benefiċċju kemm li jiġu ssimplifikati l-iskemi nazzjonali kif ukoll li jiġi stabbilizzat il-finanzjament tagħhom, inkluż billi jiġi sfruttat il-finanzjament privat, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli u lir-rinnovazzjonijiet profondi.

([32]) Rapport CNP (2025) | Un monde en mutation – Productivité, compétitivité et transition numérique, paġna 188.
([33]) Is-Citepa (*Centre Interprofessionnel Technique d'Études de la Pollution Atmosphérique*) huwa l-organizzazzjoni Franċiża li għandha l-mandat li tipproduċi l-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra u tat-tniġġis tal-arja ppreżentati lin-NU u lill-UE.
([34]) Li jirrappreżentaw 34 % tal-emissjonijiet totali (eskluż l-bunkers internazzjonali bħall-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport fuq l-ilma).
([35]) Fl-2023 kien jammonta għal 94 % tal-emissjonijiet tas-settur tat-trasport, bl-esklużjoni ta' bunkers internazzjonali bħall-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport fuq l-ilma (Livre | Chiffres clés du climat 2024, paġna 56).
([36]) Kif definit fir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, jiġifieri l-utenti tat-trasport li jonfqu parti akbar mill-introjtu tagħhom fuq l-enerġija u t-trasport, li, f'ċerti reġjuni, ma għandhomx aċċess għal soluzzjonijiet alternattivi u affordabbli ta' mobbiltà u trasport, u li jistgħu ma jkollhomx il-kapaċità finanzjarja li jinvestu fit-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwils fossili.
([37]) Fl-UE, it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija ammonta għal 16,6 % u bil-passaġġi fuq l-ilma interni għal 4,9 % fl-2022.
([38]) B'kuntrast, pereżempju, mal-Belġju (79 %) u Spanja (27 %).
([39]) Kif irrimarka s-Segretarjat Ġenerali tal-Ippjanar Ekoloġiku (SGPE) f'Diċembru 2024, (Les Rencontres avec les partenaires du SGPE, Diċembru 2024, paġna 11).

(33) Fl-2023, Franza kienet għadha taħt il-mira vinkolanti tagħha tal-enerġija rinnovabbli għall-2020 ([40]). Bħala parti mill-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tagħha u biex tirfed estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali, Franza impenjat ruħha li timplimenta riforma li tindirizza din l-isfida. Madankollu, l-impenji rilevanti ma jindirizzawhiex bis-sħiħ. B'mod partikolari, filwaqt li qabel Franza kienet stabbiliet mira għall-enerġija rinnovabbli sal-2030 fil-Liġi dwar l-Enerġija u l-Klima tal-2019, issa ma għandhiex impenn aġġornat u sod biex tikkonforma mal-miri attwali tal-UE sal-2030. Flimkien ma' dewmien fl-implimentazzjoni ta' regoli ġodda għall-ħruġ ta' permessi, din is-sitwazzjoni qed toħloq inċertezza għall-investituri. Min-naħa l-oħra, l-għoti ta' tali ċertezza jattira investimenti ġodda, jistimula l-ħolqien tal-impjiegi lokali u jagħti spinta lill-produzzjoni tat-teknoloġija ekoloġika, li jservi ta' kontribut għal suq Franċiż b'saħħtu. Franza jeħtieġ li taċċellera l-proċess għall-ħruġ tal-permessi u tadotta diversi atti ta' implimentazzjoni skont il-Liġi Franċiża dwar l-Aċċellerazzjoni tal-Enerġija Rinnovabbli. Il-proċess tad-dożinjazzjoni taż-"żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli" miexi bil-mod: madwar sentejn wara l-adozzjoni tiegħu (sa Lulju 2024), 34 % biss tal-muniċipalitajiet kienu ddożinjaw "żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli". Jekk jiġi żgurat li l-amministrazzjonijiet awtorizzanti jkollhom persunal adegwat, dan il-proċess jista' jsir aktar malajr. Barra minn hekk, għad hemm bżonn ta' skadenzi ċari u iqsar għall-proġetti barra miż-"żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli", kif ukoll l-introduzzjoni ta' punti uniċi ta' servizz għall-permessi għall-enerġija rinnovabbli.

(34) It-tnaqqis dejjem akbar tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-okkorrenzi negattivi tal-prezzijiet fl-2023 u fl-2024 jindikaw ir-restrizzjonijiet fuq il-grilji tal-elettriku u l-ħtieġa akbar għall-flessibbiltà u l-ħżin orjentat lejn id-domanda ([41]), inkluż il-ħżin termali. Hemm bżonn aktar soluzzjonijiet ta' flessibbiltà bħal dawn biex jiġu integrati volumi akbar ta' enerġija rinnovabbli fil-grilja u tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. L-operaturi tas-sistema tal-elettriku RTE u Enedis dan l-aħħar ħabbru pjanijiet kbar ta' investiment biex jiżviluppaw il-grilja matul l-15-il sena li ġejjin ([42]). Madankollu, il-pjan ta' RTE għadu fil-fażi ta' konsultazzjoni tiegħu. F'dawn l-aħħar snin, Franza kkummissjonat proġetti ta' interkonnessjoni mal-Italja (Savoie-Piemonte), u aktar huma ppjanati fis-snin li ġejjin, bħall-Interkonnettur Ċeltiku u l-proġett tal-Golf tal-Biskalja. Il-finalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tempestiva ta' dawn il-pjanijiet ta' investiment jiffaċilitaw l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni. Huwa kruċjali wkoll li l-ippjanar fit-tul jikkunsidra interkonnessjonijiet mal-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari mal-peniżola Iberika, biex tingħata spinta lill-integrazzjoni tas-suq tal-UE. Il-livell ta' interkonnessjoni transfruntiera tal-elettriku ta' Franza fl-2024 kien inqas mill-mira tal-UE ta' 15 % ([43]) għall-2030.

(35) Filwaqt li l-persentaġġ tal-kumpaniji li rrapportaw diffikultajiet fir-reklutaġġ naqas fl-2024 u fl-ewwel trimestru tal-2025 bit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, il-profil inadegwat tal-kandidati jibqa' wieħed miż-żewġ ostakli ewlenin għar-reklutaġġ, flimkien man-nuqqas ta' ħaddiema, skont stħarriġ reċenti, speċjalment f'setturi ewlenin bħas-setturi tal-karozzi, tal-kostruzzjoni u tal-kura ([44]). Franza investiet b'mod sinifikanti fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, bl-appoġġ tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li wassal għal żieda żgħira fl-għadd ta' adulti li jipparteċipaw fit-taħriġ (49,2 % fl-2022, meta mqabbel ma' 48,4 fl-2016). Madankollu, dawn il-programmi mhux dejjem irnexxielhom iżidu l-parteċipazzjoni ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u ħaddiema akbar fl-età. Dawn il-programmi kellhom ukoll impatt limitat fuq il-parteċipazzjoni fit-taħriġ għas-setturi ta' prijorità (l-ICT, is-saħħa, il-kostruzzjoni, it-tranżizzjoni ekoloġika). L-evalwazzjoni tal-investimenti passati u reċenti, bħall-Pjan ta' Investiment fil-Ħiliet (*plan d'investissement dans les compétences*), tenfasizza li 25 % biss tal-offerta ta' taħriġ tikkonċerna settur prijoritarju u 20 % tal-offerta ta' taħriġ hi mmirata lejn impjiegi li jbatu minn nuqqas ta' ħiliet. Barra minn hekk, madwar 25 % tal-adulti bi kwalifiki baxxi biss ipparteċipaw fl-apprendiment fl-2022.

(36) Minkejja n-nefqa pubblika fl-edukazzjoni, is-sistema edukattiva ta' Franza dan l-aħħar irreġistrat tnaqqis notevoli fil-prestazzjoni, li kienet immarkata aktar bl-impatt sinifikanti tal-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti. L-istudenti Franċiżi fil-livell primarju u sekondarju għandhom prestazzjoni baxxa fil-matematika u x-xjenza meta mqabbla mal-pari tagħhom fl-UE ([45]), u s-sehem ta' studenti ta' 15-il sena bi prestazzjoni baxxa żdied b'mod sinifikanti mill-2018 fil-matematika, il-qari u x-xjenza ([46]), filwaqt li s-sehem ta' studenti bl-aqwa prestazzjoni naqas. Franza għandha wkoll uħud mill-akbar distakki soċjoekonomiċi fl-UE. It-titjib tal-prestazzjoni tal-istudenti fil-ħiliet bażiċi hija kruċjali, u tibda minn età bikrija. Filwaqt li l-ewwel evalwazzjonijiet juru li t-tnaqqis bin-nofs tad-daqsijiet

([40]) Fl-2023, b'sehem ta' 22,3 % tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tagħha, Franza kienet għadha taħt il-mira vinkolanti tagħha tal-enerġija rinnovabbli għall-2020 ta' 23 %.
([41]) Bilan électrique 2024 | RTE.
([42]) RTE présente les grandes orientations de sa stratégie de transformation du réseau de transport d'électricité à l'horizon 2040 | RTE.
([43]) Definita bħala kapaċità ta' importazzjoni fuq il-kapaċità ta' ġenerazzjoni installata fi Stat Membru.
([44]) France Travail - Enquête besoin en main-d'œuvre 2025.
([45]) Stħarriġ tal-2023 dwar ix-xejriet fl-Istudju Internazzjonali dwar il-Matematika u x-Xjenza (TIMSS).
([46]) Skont l-istħarriġ tal-2022 tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA, Programme for International Student Assessment), 28,8 % ta' dawk li għandhom 15-il sena kellhom prestazzjoni baxxa fil-matematika fi Franza vs 29,5 % fl-UE, 26,9 % kellhom prestazzjoni baxxa fil-qari vs 26,2 % fl-UE u 23,8 % kellhom prestazzjoni baxxa fix-xjenza vs 24,2 % fl-UE.

tal-klassi f'"oqsma ta' edukazzjoni prijoritarja" kellu impatt pożittiv fuq l-eżiti edukattivi tal-istudenti, 70 % tal-istudenti żvantaġġati jattendu skejjel li jinsabu barra miż-żoni ta' prijorità u għalhekk mhumiex eliġibbli għall-appoġġ. L-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali b'mod aktar gradwali u t-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn l-iskejjel żvantaġġati u l-atturi lokali jistgħu jservu biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' studenti bi prestazzjoni baxxa jew żvantaġġati. Fl-2023, il-Ministeru għall-Edukazzjoni ħa miżuri biex iħeġġeġ taħlita soċjali aħjar fl-iskejjel pubbliċi u privati, u introduċa siegħa fil-ġimgħa ta' tagħlim differenzjat fil-Franċiż u fil-matematika għall-istudenti kollha. Madankollu, bidliet frekwenti fil-politika rriżultaw fi żmien insuffiċjenti għall-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni u għal tnaqqis fis-sjieda mill-komunità tat-tagħlim. L-użu aħjar tad-data u tal-evalwazzjonijiet eżistenti, kollaborazzjoni aħjar mal-komunità tal-edukazzjoni, u r-rispett tal-awtonomija pedagoġika tal-iskejjel u tal-għalliema jistgħu jgħinu fit-tfassil ta' strateġija aktar effettiva għall-ħiliet bażiċi.

(37) Għalkemm l-għalliema bbenefikaw minn żieda fil-paga fl-2023, u għadu kmieni wisq biex jiġi evalwat l-impatt tagħha, għad hemm tħassib fuq l-attraenza tal-professjoni, u n-nuqqas ta' għalliema huwa ta' piż fuq l-eżiti edukattivi. Inqas u inqas kandidati qed jagħmlu l-eżamijiet kompetittivi ta' reklutaġġ fir-rigward tal-għadd ta' pożizzjonijiet miftuħa, u b'hekk dawn l-eżamijiet saru inqas selettivi, speċjalment fil-matematika u għall-għalliema primarji f'xi akkademji ([47]). Hemm diversi fatturi għaliex l-attraenza tal-professjoni jista' jkun qed tonqos. Fl-2022, 63 % tal-istudenti postsekondarji semmew il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż id-daqs tal-klassi (fost l-akbar fl-UE), l-ammont ta' xogħol, ir-regoli dwar il-mobbiltà, u s-salarju bħala raġunijiet għaliex ma ridux isiru għalliema ([48]). Barra minn hekk, iż-żieda fid-dipendenza fuq l-għalliema temporanji b'livelli aktar baxxi ta' kwalifiki u esperjenza u b'inqas aċċess għal taħriġ minn dawk permanenti tista' taffettwa l-kwalità tat-tagħlim. Ittieħdu passi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tat-tagħlim, inkluż it-tisħiħ tat-taħriġ fil-Franċiż u l-matematika għall-għalliema tal-primarja. Madankollu, hemm lok biex dawn il-miżuri jiġu estiżi aktar, b'mod partikolari bi tnaqqis tad-daqsijiet tal-klassijiet bis-saħħa ta' inqas tfal, billi t-taħriġ inizjali u kontinwu jiġu allinjati aħjar mal-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-istudenti kollha ([49]) u billi l-għalliema u l-iskejjel jingħataw aktar awtonomija ([50]). B'mod partikolari, il-Qorti tal-Awdituri twissi li, fil-prattika, il-kapijiet tal-għalliema għandhom ambitu limitat biex jadattaw għall-ħtiġijiet tal-istudenti u ċ-ċirkostanzi lokali ([51]). Il-konsultazzjoni mal-għalliema u mal-komunità usa' tat-tagħlim dwar il-pjanijiet attwali għar-riforma tal-edukazzjoni inizjali tista' żżid ukoll ir-responsabbiltà u l-attraenza.

(38) It-tfal fi Franza jiffaċċjaw riskju ogħla ta' faqar u esklużjoni soċjali meta mqabbla mal-bqija tal-popolazzjoni (26,2 % vs 19 % fl-2024) u ma' pajjiżi oħra tal-UE (26,2 % vs 24,2 % fl-2024). Ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal żdied ukoll b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin ([52]), minkejja t-tnaqqis fl-2023 u l-2024, u s-sehem ta' tfal Franċiżi li jgħixu f'unitajiet domestiċi mingħajr impjieg laħaq 9 % fl-2024, waħda mill-ogħla rati fl-UE. Il-familji b'ġenitur wieħed, spiss immexxija minn ommijiet waħedhom, jiffaċċjaw sfidi sinifikanti u speċifiċi biex isibu xogħol, u fost dawk li jaħdmu ([53]), waħda minn kull ħamsa kienet f'riskju ta' faqar fl-2024. Wieħed mill-ostakli ewlenin li jiltaqgħu magħhom huwa l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Franza għandha waħda mill-akbar distakki fl-aċċess għall-indukrar tat-tfal bejn tfal vantaġġati u żvantaġġati fl-UE (41,6 punti perċentwali vs 15,8 punti perċentwali). Fl-2024, 72,6 % tat-tfal (0-3 snin) li jgħixu f'unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali ma bbenefikawx minn servizzi formali għall-indukrar tat-tfal. Filwaqt li s-sehem ġenerali tat-tfal li għandhom aċċess għall-indukrar tat-tfal huwa relattivament għoli fi Franza, id-disponibbiltà u l-kostijiet ivarjaw ħafna fit-territorju Franċiż ([54]). Barra minn hekk, il-familji li jaħdmu sigħat mhux standard jew li huma qiegħda jsibuha diffiċli biex isibu kura tat-tfal xierqa ([55]), u dan ifixkel it-tiftix ta' impjieg u l-isforzi ta' taħriġ tagħhom. L-indirizzar ta' ostakli speċifiċi għax-xogħol u t-titjib tal-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal jgħinu lill-ġenituri jirċievu taħriġ, jippermettu opportunitajiet aħjar ta' impjieg, u jtejbu l-eżiti edukattivi tat-tfal fuq terminu qasir sa twil, b'impatti aktar b'saħħithom fuq it-tfal żvantaġġati ([56]).

([47]) France Stratégie, 2024, Working in Public Service: The Challenge of Attractiveness.
([48]) Cour de Comptes, Devenir enseignant: la formation initiale et le recrutement des enseignants des premier et second degrés, Rapport public thématique, 2023.
([49]) Education: comment mieux orienter la dépense publique, Conseil d'analyse économique, 2025, disponibbli fuq: Éducation: comment mieux orienter la dépense publique.
([50]) Lastra-Anadón, C. u S. Mukherjee (2019), "Cross-country evidence on the impact of decentralisation and school autonomy on educational performance", OECD Working Papers on Fiscal Federalism, Nru 26, OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/c3d9b314-en.
([51]) Cour des comptes, Mobiliser la communauté éducative autour du projet d'établissement, Rapport public thématique, 2023.
([52]) Fi Franza metropolitana (li għaliha għandna serje kronoloġika komparabbli), is-sehem ta' tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali żdied minn 24,1 % fl-2019 għal 25,7 % fl-2023.
([53]) Sénat (2024). Familles monoparentales: pour un changement des représentations sociétales.
([54]) CNAF-ONAPE, L'accueil des jeunes enfants – Édition 2024.
([55]) Cour des Comptes, La politique d'accueil du jeune enfant, Diċembru 2024.
([56]) OECD (2025), Reducing Inequalities by Investing in Early Childhood Education and Care, Starting Strong, OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/b78f8b25-en.

(39) Fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, fl-2025, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2025 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Għal Franza, ir-rakkomandazzjonijiet (2), (3), (4) u (5) jgħinu fl-implimentazzjoni tal-ewwel rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro b'rabta mal-kompetittività, filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet (4) u (5) jgħinu fl-implimentazzjoni tat-tieni rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro b'rabta mar-reżiljenza, u r-rakkomandazzjoni (1) tgħin fl-implimentazzjoni tat-tielet rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro b'rabta mal-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2025.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Franza tieħu azzjoni fl-2025 u fl-2026 biex:

1. Issaħħaħ l-infiq ġenerali fid-difiża u fis-sigurtà u l-prontezza tad-difiża filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. Taderixxi mar-rati massimi ta' tkabbir ta' nefqa netta rakkomandati mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025, bil-għan li ttemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv. Timplimenta s-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-perjodu ta' aġġustament estiż kif irrakkomandat mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025.

2. Fid-dawl tal-iskadenzi applikabbli għat-tlestija f'waqtha tar-riformi u l-investimenti skont ir-Regolament (UE) 2021/241, tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-kapitolu REPowerEU. Taċċellera l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni (FEŻR, JTF, FSE+), filwaqt li tibni, fejn xieraq, fuq l-opportunitajiet offruti mir-rieżami ta' nofs it-terminu. Tuża b'mod ottimali l-istrumenti tal-UE, inkluż l-opportunitajiet ipprovduti mill-programm InvestEU u l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa, biex ittejjeb il-kompetittività.

3. Tkompli tissimplifika r-regolamentazzjoni, tnaqqas il-piż amministrattiv u r-restrizzjonijiet regolatorji fuq id-ditti, b'mod partikolari fis-settur tas-servizzi. Issaħħaħ l-intensità tar-R&Ż tan-negozji b'immirar aħjar tal-iskemi ta' appoġġ pubbliku li jinċentivaw ir-riċerka u l-iżvilupp tan-negozji u jippromwovu t-tixrid tal-innovazzjoni, u billi żżid l-effettività tal-ekosistema li tappoġġa l-kollaborazzjoni bejn l-akkademja u n-negozji. Ittejjeb id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, fosthom b'effettività aħjar tal-miżuri ta' appoġġ pubbliku eżistenti ddedikati għal dan l-objettiv.

4. Taċċellera t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, billi tneħħi l-ostakli u tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu d-domanda u l-provvista ta' modi tat-trasport u vetturi b'emissjonijiet baxxi, billi żżid l-effiċjenza enerġetika u tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fil-bini permezz ta' inċentivi għal rinnovazzjonijiet profondi. Taċċellera l-varar ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli inkluż billi tissimplifika aktar il-proċessi għall-ħruġ tal-permessi u billi tlesti l-istabbiliment ta' "żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli". Tippromwovi l-flessibbiltà orjentata lejn id-domanda u t-teknoloġiji tal-ħżin, u tiżgura investiment suffiċjenti fil-kapaċità tal-grilja elettrika inkluż fl-interkonnessjonijiet transfruntieri.

5. Tkompli tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet billi tappoġġa l-aċċess għat-taħriġ għall-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u għal persuni akbar fl-età u ttejjeb ir-rilevanza tal-offerta ta' taħriġ għas-suq tax-xogħol. Ittejjeb l-eżiti tal-edukazzjoni u tnaqqas l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni inkluż billi tiżgura li l-istudenti żvantaġġati kollha jibbenefikaw minn għajnuna aħjar fl-edukazzjoni. Issaħħaħ il-professjoni tat-tagħlim, inkluż billi ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ inizjali u kontinwu tal-għalliema. Tipprevjeni u tnaqqas il-faqar fost it-tfal, billi tneħħi l-ostakli li jfixklu l-integrazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol u l-aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għall-unitajiet domestiċi l-aktar żvantaġġati.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. LOSE